# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

7 ta' April 2022*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Politika agrikola komuni – Skemi ta' appoġġ dirett – Regoli komuni – Skema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji – Regolament (KE) Nru 73/2009 – Artikolu 2(c) – Kunċett ta' 'attività agrikola' – Artikolu 35 – Regolament (KE) Nru 1122/2009 – Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi li jiġi pprovdut titolu legali li jistabbilixxi d-dritt li tintuża l-biċċa raba' mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-bidwi fil-kuntest ta' kuntratt ta' konċessjoni u li tissuġġetta l-validità ta' tali kuntratt għall-kwalità tal-konċessjonarju futur bħala persuna li trabbi l-annimali jew bħala proprjetarju ta' annimali – Konċessjonarju ta' mergħa li jkun ikkonkluda kuntratt ta' kollaborazzjoni ma' persuni li jrabbu l-annimali – Awtorità ta' *res judicata*"

Fil-Kawża C-116/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Curtea de Apel Timişoara (il-Qorti tal-Appell ta' Timişoara, ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Frar 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Frar 2020, fil-proċedura

**SC Avio Lucos SRL**

vs

**Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură – Centrul județean Dolj,**

**Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură (APIA) – Aparat Central,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Ewwel Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tat-Tieni Awla, I. Ziemele (Relatur), T. von Danwitz, P. G. Xuereb u A. Kumin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal SC Avio Lucos SRL, minn M. Gornoviceanu, avocate,

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

– għall-Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură – Centrul județean Dolj, minn N.S. Răducan, bħala aġent,

– għall-Gvern Rumen, minn E. Gane u A. Rotăreanu, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u S. Heimerl, bħala aġenti,

– għall-Gvern Franċiż, minn A.-L. Desjonquères, C. Mosser u W. Zemamta, bħala aġenti,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn L. Vignato u R. Guizzi, avvocati dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Sauka u A. Biolan, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2021,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda, l-ewwel, l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16, rettifika fil-ĠU 2010, L 43, p. 7), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1310/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 (ĠU 2013, L 347, p. 865) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 73/2009"), it-tieni, l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU 2009, L 316, p. 65, rettifika fil-ĠU 2013, L 246, p. 3) kif ukoll, it-tielet, tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn SC Avio Lucos SRL u l-Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură – Centrul județean Dolj (l-Aġenzija tal-Pagament u l-Intervent għall-Agrikoltura – Ċentru Dipartimentali ta' Dolj, ir-Rumanija) u l-Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură (APIA) – Aparat Central (l-Aġenzija tal-Pagament u l-Intervent għall-Agrikoltura – Ċentrali, ir-Rumanija) (iktar 'il quddiem, flimkien, l-"APIA") dwar it-talba għar-rimbors tal-appoġġ finanzjarju li l-APIA kienet tat lil Avio Lucos taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji għas-sena 2014.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Ir-Regolament (KE) Nru 1254/1999*

3 L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 25, p. 339), kien jistabbilixxi, fil-paragrafu 2 tiegħu, li:

"Sabiex tiġi kkalkulata d-densità tal-merħliet fuq l-impriża, għandhom jiġu meqjusa:

[...]

b) l-arja tal-mergħa, jiġifieri l-arja ta' l-impriża disponibbli matul is-sena kalendarja għat-trobbija ta' bhejjem ta' l-ifrat u nagħaġ u/jew mogħoż. [...]

[...]"

4 Dan l-Artikolu 12 tħassar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269), qabel ma r-Regolament Nru 1254/1999 tħassar huwa stess mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU 2007, L 299, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 97, p. 4).

*Ir-Regolament Nru 1782/2003*

5 L-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 1782/2003, intitolat "Użu ta' drittijet għall-pagament", jipprevedi, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu, li:

"2. 'Ettaru eliġibbli' ifisser kull żona agrikola ta' l-azjenda meħuda minn art li tinħarat u mergħa permanenti ħlief żoni kkultivati bi prodotti permanenti, foresti jew żoni użati għall-attivitajiet mhux agrikoli.

3. Il-bidwi għandu jiddikjara l-biċċiet ta' art li jikkorrispondu ma' l-ettaru eliġibbli li jakkumpanja kull dritt għall-pagament. Ħlief fil-każ ta' 'force majeure' jew ċirkustanzi eċċezzjonali, dawn il-biċċiet ta' art għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi [...]"

6 Ir-Regolament Nru 1782/2003 tħassar mir-Regolament Nru 73/2009.

*Ir-Regolament Nru 73/2009*

7 Il-premessi 4, 7, 23 u 25 tar-Regolament Nru 73/2009 kienu jgħidu li:

"(4) Barra minn hekk, biex jiġi evitat l-abbandun ta' art agrikola u sabiex jiġi żgurat li din tinżamm f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba, ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbilixxa qafas Komunitarju li fih l-Istati Membri jadottaw standards wara li jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi tal-erji kkonċernati, inklużi l-kondizzjonijiet tal-ħamrija u dawk klimatiċi, sistemi eżistenti ta' biedja, użu tal-art, newba tal-uċuħ tar-raba' (crop rotation), prattiki agrikoli u strutturi tal-farms. Dan il-qafas għandu jinżamm. [...]

[...]

(7) Ir-[Regolament Nru 1782/2003], irrikonoxxa l-effett ambjentali pożittiv ta' mergħat permanenti. Il-miżuri f'dak ir-Regolament li immirati biex tkun imħeġġa l-manutenzjoni ta' mergħat permanenti eżistenti biex jiġi żgurat kontra konverżjoni massiva f'art li tinħarat għandhom jinżammu.

[...]

(23) L-esperjenza tal-applikazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku turi li l-appoġġ ta' dħul diżakkoppjat f'għadd ta' każijiet ingħata lil benefiċjarji li l-attivitajiet agrikoli tagħhom iffurmaw biss parti insinifikanti mill-attivitajiet ekonomiċi globali tagħhom jew li l-mira tal-kummerċ tagħhom ma kienx immirat għat-twettiq ta' attività agrikola jew il-mira kienet waħda marġinali biss. Sabiex jiġi evitat li l-appoġġ ta' dħul agrikolu jiġi allokat lil benefiċjarji bħal dawn, u biex jiġi żgurat li l-użu tal-appoġġ Komunitarju ikun kompletament għall-assigurazzjoni ta' livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola, l-Istati Membri għandhom jingħataw is-setgħa, fejn isseħħ tali allokazzjoni, li jastjenu milli jagħtu pagamenti diretti lil persuni fiżiċi u ġuridiċi bħal dawn taħt dan ir-Regolament.

[...]

(25) L-iskemi ta' appoġġ taħt il-[politika agrikola komuni (PAK)] jipprovdu għal appoġġ permezz ta' dħul dirett b'mod partikolari bil-għan li jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola. Dak l-objettiv huwa relatat mill-qrib mal-manteniment taż-żoni rurali. Biex tkun evitata kwalunkwe allokazzjoni ħażina tal-fondi tal-Komunità, l-ebda pagamenti ta' appoġġ m'għandhom isiru lill-bdiewa li artifiċjalment ħolqu l-kondizzjonijiet mitluba biex jinkisbu tali pagamenti."

8 L-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, intitolat "Definizzjonijiet", kien jistabbilixxi li:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

[...]

(b) 'impriża [azjenda agrikola]' tfisser l-unitajiet kollha ta' produzzjoni mmexxija minn bidwi li jinstabu fit-territorju tal-istess Stat Membru;

(c) ‘attività agrikola’ tfisser il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta’ prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, il-produzzjoni tal-ħalib, it-trobbija tal-annimali u ż-żamma ta’ annimali għal skopijiet ta’ biedja, jew iż-żamma tal-art f’kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba kif stabbilit fl-Artikolu 6;

[…]

(h) ‘erja agrikola’ tfisser l-erja totali kollha użata bħala art għall-kultivazzjoni, mergħa permanenti jew uċuħ permanenti[.]”

9 L-Artikolu 6 tal-imsemmi regolament, intitolat “Kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba”, kien jipprevedi, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu, li:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li m’għadhiex tintuża għal finijiet ta’ produzzjoni, tinżamm f’kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, il-livell nazzjonali jew reġjonali, il-kondizzjonijiet minimi għall-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba abbażi tal-qafas stabbilit fl-Anness III, wara li jkunu tqiesu l-karatteristiċi speċifiċi taż-żoni kkonċernati, inklużi l-kondizzjonijiet tal-ħamrija u klimatiċi, sistemi tal-biedja eżistenti, l-użu tal-art, in-newba tal-uċuħ tar-raba’, prattiki tal-biedja, u l-istrutturi tal-farms. L-Istati Membri ma jistgħux jiddefinixxu l-ħtiġiet minimi li mhumiex previsti f’dak il-qafas.”

10 L-Artikolu 19 tal-istess regolament, intitolat “Applikazzjonijiet għal għajnuna”, kien jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

“Kull sena, bidwi għandu jippreżenta applikazzjoni għal pagamenti diretti filwaqt li jindika, fejn hu applikabbli:

(a) il-ħbula agrikoli kollha fl-impriża [azjenda agrikola] […];

(b) id-drittjiet għall-pagamenti ddikjarati għal attivazzjoni;

(c) kull informazzjoni oħra pprovduta b’dan ir-Regolament jew mill-Istat Membru kkonċernat.”

11 Skont l-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 73/2009, intitolat “Attivazzjoni ta’ drittijiet għal pagament għal kull ettaru eliġibbli”:

“1. L-appoġġ lill-bdiewa taħt l-iskema tal-pagament uniku għandu jingħata malli jiġi attivat id-dritt għal pagament għal kull ettaru eliġibbli. Drittijiet għal pagament attivati għandhom jagħtu dritt għal pagament tal-ammonti ffissati bihom.

2. Għall-finjiet ta’ dan it-Titolu, ‘ettaru eliġibbli’ għandha tfisser:

(a) kwalunkwe erja agrikola tal-azjenda, u kwalunkwe erja mħawla bi msaġar ta’ rotazzjoni qasira (kodiċi tan-NM ex 0602 90 41), użata għal attività agrikola […]

[…]

Ħlief f’każijiet ta’ *force majeure* jew ċirkostanzi eċċezzjonali, ettari għandhom jikkonformaw mal-kondizzjoni ta’ eliġibbiltà matul is-sena kalendarja kollha.”

12 L-Artikolu 35 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dikjarazzjoni ta' ettari eliġibbli", kien jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

"Il-bidwi għandu jiddikjara l-ħbula agrikoli li jikkorrispondu mal-ettari eliġibbli li jakkumpanja kull dritt għal pagament. Ħlief fil-każ ta' *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali, dawn il-ħbula agrikoli għandhom ikunu disponibbli għall-bidwi f'data ffissata mill-Istat Membru li ma għandhiex tkun aktar tard mid-data ffissata f'dak l-Istat Membru għall-emenda tal-applikazzjoni għall-għajnuna."

13 L-Artikolu 124 tal-imsemmi regolament, intitolat "Erja agrikola taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja", kien jistabbilixxi, fil-paragrafu 2 tiegħu, li:

"Għall-fini tal-għoti ta' pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku skont l-erja, il-ħbula agrikoli kollha li jikkorrispondu mal-kriterji previsti fil-paragrafu 1 […] għandhom ikunu eliġibbli. […]

Ħlief fil-każ ta' *force majeure* jew ċirkustanzi eċċezzjonali, dawn il-ħbula agrikoli msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu disponibbli għall-bidwi f'data ffissata mill-Istat Membru li ma għandhiex tkun aktar tard mid-data stabbilita f'dak l-Istat Membru għall-emenda tal-applikazzjoni għal għajnuna.

Id-daqs minimu ta' erja eliġibbli għal kull azjenda li għaliha jistgħu jintalbu pagamenti għandu jkun 0,3 ettaru. Madankollu, kuwalunkwe Stat Membru ġdid jista' jiddeċiedi, abbażi ta' kriterji oġġettivi u wara lpprovazzjoni mill-Kummissjoni, li jistabbilixxi d-daqs minimu f'livell ogħla li ma jaqbiżx ettaru."

14 L-Anness III tal-istess regolament, intitolat "Kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-Artikolu 6", kien isemmi, fir-rigward tal-livell minimu ta' manutenzjoni, b'mod partikolari l-istandard fakultattiv li ġej: "Rati minimi tal-istokk tal-annimali u/jew sistemi adegwati".

15 Ir-Regolament Nru 73/2009 tħassar mir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 7).

*Ir-Regolament Nru 1122/2009*

16 Il-premessi 8 u 28 tar-Regolament Nru 1122/2009 kienu jgħidu li:

"(8) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni kif xieraq tal-iskema ta' pagament uniku kif hemm previst fit-Titolu III tar-[Regolament Nru 73/2009], l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni li skontha għandhom ikunu jistgħu jinstabu d-drittijiet għall-pagament […]

[…]

(28) Huwa indispensabbli li jiġu rispettati l-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna, għall-emendi tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna skont iż-żona, u għal kwalunkwe dokumenti, kuntratti u dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, sabiex ikun possibbli għall-amministrazzjonijiet nazzjonali li jipprogrammaw u, sussegwentement, iwettqu kontrolli effettivi dwar il-korrettezza tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna. […]"

17 L-Artikolu 12 ta' dan ir-regolament, intitolat "Kontenut tal-applikazzjoni unika", kien jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li:

"Applikazzjoni unika għandu jkollha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tiġi stabbilita l-eliġibbilità għall-għajnuna, partikolarment:

[...]

(d) id-dettalji li jippermettu l-identifikazzjoni tal-ħbula agrikoli kollha fl-impriża, l-erja tagħhom espressa f'ettari sa żewġ punti deċimali, il-lok tagħhom u, fejn japplika, l-użu tagħhom [...]"

18 Ir-Regolament Nru 1122/2009 tħassar mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 181, p. 48).

***Id-dritt Rumen***

*Il-Liġi dwar it-Trobbija Nru 72/2002*

19 L-Artikolu 4 tal-legea zootehniei nr. 72/2002 (il-Liġi dwar it-Trobbija Nru 72/2002 ippubblikata mill-ġdid, *Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 235 tat-2 ta' April 2014) kien jistabbilixxi li:

"Skont din il-liġi, min irabbi l-annimali huma dawk il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu proprjetarji tal-ispeċi tal-annimali previsti fl-Artikolu 2, li huma rreġistrati fir-reġistru tal-biedja."

20 L-Artikolu 5(1) ta' din il-liġi kien jipprevedi li:

"It-trobbija u l-użu tal-annimali huma l-attività ta' min irabbi l-annimali, ikun x'ikun l-istatus legali tiegħu, sabiex jikseb prodotti u prodotti mill-annimali."

*L-OUG Nru 125/2006*

21 L-Artikolu 7(1)(f) tal-Ordonanța de urgență a Guvernului nr. 125/2006 pentru aprobarea schemelor de plăți directe și plăți naționale directe complementare, care se acordă în agricultură începând cu anul 2007, și pentru modificarea articolului 2 din Legea nr. 36/1991 privind societățile agricole și alte forme de asociere în agricultură (id-Digriet b'Urġenza tal-Gvern Nru 125/2006 li Japprova l-Iskemi ta' Pagamenti Diretti u ta' Pagamenti Diretti Nazzjonali Komplementari, Mogħtija fil-Qasam tal-Agrikoltura b'Effett mis-Sena 2007, u li Jemenda l-Artikolu 2 tal-Liġi Nru 36/1991 dwar il-Kumpanniji Agrikoli u Tipi ta' Assoċjazzjonijiet oħra

fl-Agrikoltura), tal-21 ta' Diċembru 2006 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 1043 tad-29 ta' Diċembru 2006), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem l-"OUG Nru 125/2006"), kien jistabbilixxi li:

"Sabiex jibbenefikaw mill-pagamenti skont l-iskemi ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji, l-applikanti għandhom ikunu rreġistrati fir-reġistru tal-bdiewa amministrat mill-Agenția de Plăți și Intervenție pentru Agricultură [(l-Aġenzija tal-Pagament u l-Intervent għall-Agrikoltura, ir-Rumanija)], jippreżentaw l-applikazzjoni għall-pagament tagħhom fit-termini u josservaw il-kundizzjonijiet ġenerali segwenti:

[…]

f) jippreżentaw id-dokumenti li jipprovaw l-użu legali tal-art li għaliha tkun saret l-applikazzjoni;

[…]"

*Ir-Regolament tal-Ministru għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali Nru 246/2008*

22 L-Artikolu 5(1) tal-Ordinul ministrului agriculturii si dezvoltării rurale nr. 246/2008 privind stabilirea modului de implementare, a condițiilor specifice și a criteriilor de eligibilitate pentru aplicarea schemelor de plăți directe și plăți naționale directe complementare în sectorul vegetal, pentru acordarea sprijinului aferent măsurilor de agromediu și zone defavorizate (ir-Regolament tal-Ministru għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali Nru 246/2008 li Jikkonċerna l-Istabbiliment tal-Mod ta' Implimentazzjoni, tal-Kundizzjonijiet Speċifiċi u tal-Kriterji ta' Eliġibbiltà għall-Applikazzjoni tal-Iskemi ta' Pagamenti Nazzjonali Diretti Komplementari fis-Settur Veġetali, għall-Għoti tal-Għajnuna Relatata mal-Miżuri Agroambjentali u taż-Żoni Inqas Iffavoriti), tat-23 ta' April 2008 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 332 tal-25 ta' April 2008), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, kien jaqra kif ġej:

"Id-dokumenti li jagħtu prova tal-użu legali tal-mergħat permanenti komunali, skont l-Artikolu 7(1)(f) tal-[OUG Nru 125/2006] huma l-atti li jattestaw id-dritt ta' proprjetà, il-kuntratti ta' konċessjoni jew ta' kiri konklużi bejn il-kunsilli lokali u min irabbi l-annimali, li minnhom tirriżulta l-art użata u l-attestazzjoni mogħtija mill-muniċipju skont id-data li tinsab fir-reġistru tal-biedja. Kull kuntratt konkluż qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, li għandu bħala għan l-użu ta' mergħat komunali, jibqa' jkollu effett sad-data tat-terminazzjoni tad-dritt."

*Id-Digriet b'Urġenza tal-Gvern Nru 34/2013*

23 L-Artikolu 2 tal-Ordonanța de urgență a Guvernului nr. 34/2013 privind organizarea, administrarea și exploatarea pajiștilor permanente și pentru modificarea și completarea Legii fondului funciar nr. 18/1991, tat-23 ta' April 2013 (id-Digriet b'Urġenza tal-Gvern Nru 34/2013 li Jikkonċerna l-Amministrazzjoni u l-Użu tal-Mergħat Permanenti u li Jemenda u Jikkompleta l-Liġi dwar ir-Reġistru tal-Artijiet Nru 18/1991, *Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 267 tat-13 ta' Mejju 2013), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, kien jistabbilixxi li:

"F'dan id-digriet b'urġenza, it-termini u l-espressonijiet ta' hawn taħt ifissru kif ġej:

[…]

b) mergħat u raba' tal-ħsad – artijiet agrikoli rreġistrati fl-atti ta' proprjetà taħt din il-kategorija ta' użu intiżi biex jipproduċu magħlef, ħaxix u pjanti erbaċei oħra għall-annimali, maħsud bil-ħsad jew imtejjeb bir-rigħi;

c) unita ta' bhejjem (UB) – unità ta' miżura standard stabbilita abbażi tal-bżonnijiet nutrizzjonali ta' kull tip ta' annimali li tippermetti li ssir il-konverżjoni bejn kategoriji differenti ta' annimali;

d) utent ta' mergħat u ta' raba' tal-ħsad – min irabbi l-annimali, persuna fiżika/ġuridika rreġistrata fir-reġistru nazzjonali tal-azjendi agrikoli li jeżerċita attivitajiet agrikoli speċifiċi għall-kategorija ta' użu tal-mergħat u tar-raba' tal-ħsad, skont il-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea għall-produzzjoni veġetali u tal-annimali, li legalment huwa l-proprjetarju tad-dritt tal-użu fuq l-art agrikola u li jtejjeb il-mergħa permezz tar-rigħi effettiv mill-annimali li tagħhom huwa proprjetarju jew bil-ħsad tal-inqas darba f'sena;

e) Reġistru Nazzjonali tal-Azjendi Agrikoli (RNAA) – reġistru ta' data fil-format elettroniku li jinkludi l-informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' kull azjenda agrikola fir-Rumanija […];

f) detenturi tar-raba' – possessuri tad-dritt ta' proprjetà, ta' drittijiet reali oħra fuqha jew persuni li għandhom, skont il-liġijiet ċivili, il-kapaċità ta' possessuri jew ta' detenturi prekarji tar-raba'".

*Ir-Regolament tal-Ministru għall-Agrikoltura, għall-Ikel u għall-Foresti u tal-Ministru għall-Amministrazzjoni Pubblika Nru 226/235/2003*

24 L-Ordinul ministrului agriculturii, alimentației și pădurilor și al ministrului administrației publice nr. 226/235/2003 pentru aprobarea Strategiei privind organizarea activității de imbunatatire și exploatare a pajiștilor la nivel național, pe termen mediu și lung (ir-Regolament tal-Ministru għall-Agrikoltura, għall-Ikel u għall-Foresti u tal-Ministru għall-Amministrazzjoni Pubblika Nru 226/235/2003 li Japprova l-Istrateġija li Tikkonċerna l-Organizzazzjoni tal-Attivitajiet ta' Titjib u ta' Użu tal-Mergħat fuq Livell Nazzjonali, fuq Żmien Medju u Twil) (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 423 tas-17 ta' Ġunju 2003), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, kien jinkludi l-Anness 1, li l-punt 1 tal-Kapitolu VI tiegħu kien ifformulat kif ġej:

"Ir-responsabbiltajiet tal-utenti tal-mergħat

a) Sabiex jużaw il-mergħat amministrati mill-kunsilli komunali, mill-ibliet jew mill-muniċipalitajiet:

l-assoċjazzjonijiet kkostitwiti ta' persuni li jrabbu l-annimali, il-persuni fiżiċi li jrabbu l-annimali u l-persuni ġuridiċi li jrabbu l-annimali għandhom jippreżentaw applikazzjoni quddiem il-kunsill lokali, […]

b) L-utenti tal-mergħat li jikkonkludu kuntratti ta' konċessjoni għandhom, bħala minimu, jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

– ikunu rreġistrati mar-[RNAA];

– jiggarantixxu tagħbija minima ta' 0.3 UB għal kull ettaru għall-art mitluba;

– jippreżentaw programm ta' rgħi konformi mad-dispożizzjonijiet tal-punt 8 tal-Kapitolu IV għall-perijodu li terġa' tibda tintuża l-mergħa mitluba."

*Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili*

25 L-Artikolu 431 tal-Codul de procedură civilă (il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) jistabbilixxi, fil-paragrafu 2 tiegħu, li:

"Il-partijiet jistgħu jikkontestaw ir-*res judicata* ta' tilwima oħra preċedenti sakemm ikun hemm rabta mas-soluzzjoni ta' din tal-aħħar."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

26 Avio Lucos ressqet quddiem l-APIA talba għal appoġġ finanzjarja taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji għas-sena 2014, li tirrigwarda superfiċji ta' 341.70 ettaru ta' mergħa. Sabiex tipprova d-dritt ta' użu tagħha ta' din l-art, din il-kumpannika pproduċiet kuntratt ta' konċessjoni, konkluż fit-28 ta' Jannar 2013 mal-Consiliul Local al Comunei Podari (il-Kunsill Muniċipali tal-Komun ta' Podari, ir-Rumanija), dwar mergħa li tinsab f'dan il-komun. Skont dan il-kuntratt, bħala konċessjonarja, Avio Lucos kellha d-dritt li tuża direttament l-art mogħtija b'konċessjoni u dan b'riskju u perikolu għaliha. Barra minn hekk, hija kienet obbligata tuża l-art mogħtija b'konċessjoni permezz tar-rgħi u kienet ipprojbita milli tikri din l-art jew li tagħtiha b'subkonċessjoni.

27 Avio Lucos ikkonkludiet sussegwentement, fit-30 ta' Jannar 2013, kuntratt ta' kollaborazzjoni parteċipattiva ma' erba' persuni fiżiċi. Skont dan il-kuntratt, Avio Lucos kellha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' dawn il-persuni fiżiċi l-mergħa komunali meħuda b'konċessjoni u twettaq kull sena, bi spejjeż tagħha, ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni meħtieġa, peress li l-imsemmija persuni fiżiċi impenjaw ruħhom, bħala korrispettiv, li jqiegħdu l-annimali tagħhom, jiġifieri, b'mod partikolari, nagħaġ, mogħoż, baqar u żwiemel, għad-dispożizzjoni ta' Avio Lucos, b'tali mod li r-rgħi fuq l-art meħuda b'konċessjoni jsir b'mod kontinwu u permanenti.

28 Wara t-tressiq ta' talba f'dan is-sens, l-APIA tat lil Avio Lucos pagament bil-quddiem taħt l-iskemi ta' għajnuna skont id-daqs tas-superfiċji – kampanja 2014, għal ammont totali ta' 529 340.24 leu Rumen (RON) (madwar EUR 107 000).

29 Sussegwentement, wara eżami mill-ġdid ta' din it-talba, l-APIA ikkonstatat li, fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' konċesssjoni, Avio Lucos ma kellhiex id-dritt li tieħu b'konċessjoni l-mergħat li jaqgħu fl-isfera pubblika jew privata tal-komuni, għar-raġuni li ma kellhiex il-kwalità ta' persuna li trabbi l-annimali jew ta' proprjetarju ta' annimali, bi ksur tad-dritt nazzjonali applikabbli.

30 Fid-dawl ta' din il-konstatazzjoni, l-APIA adottat, min-naħa, deċiżjoni li timponi, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 58 tar-Regolament Nru 1122/2009, sanzjonijiet pluriannwali lil Avio Lucos, għal ammont totali ta' RON 555 729.59 (madwar EUR 112 000). Din id-deċiżjoni kienet is-suġġett ta' diversi rikorsi amministrattivi u ġudizzjarji, li ġew miċħuda.

31 Min-naħa l-oħra, l-APIA ħolqot kreditu baġitarju kontra Avio Lucos fl-ammont totali ta' RON 529 340.24 (madwar EUR 107 000), li jikkorrispondi għall-ammont li kien diġà tħallas lilha taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji għas-sena 2014.

32 Avio Lucos ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem it-Tribunalul Dolj (il-Qorti tal-Kontea ta' Dolj, ir-Rumanija), li ċaħdet ir-rikors tagħha. Avio Lucos appellat minn din is-sentenza quddiem il-Curtea de Apel Craiova (il-Qorti tal-Appell ta' Craiova, ir-Rumanija), li biddlet din is-sentenza u bagħtet lura l-kawża quddiem it-Tribunalul Dolj (il-Qorti tal-Kontea ta' Dolj). Permezz ta' sentenza tal-25 ta' Frar 2018, din il-qorti ċaħdet ir-rikors. Avio Lucos appellat minn din is-sentenza quddiem il-Curtea de Apel Timișoara (il-Qorti tal-Appell ta' Timișoara, ir-Rumanija), il-qorti tar-rinviju u li quddiemha hija pendenti l-kawża.

33 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-kwistjoni dwar jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi obbligu li jiġi pprovat id-dritt ta' użu jew ta' sfruttament ta' superfiċji ta' art jew li wieħed ikun irabbi jew ikun proprjetarju ta' annimali sabiex jikseb il-konċessjoni ta' mergħat, bil-għan li jikseb appoġġ finanzjarju relatat mal-iskemi ta' pagament skont id-daqs tas-superfiċji, ma hijiex ħielsa mill-inċertezza. Barra minn hekk, tqum il-kwistjoni dwar jekk l-attività eżerċitata b'mod konkret minn Avio Lucos taqax taħt l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 73/2009. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju, li ssemmi l-eżistenza ta' żewġ deċiżjonijiet ġudizzjarji definittivi li kkonstataw l-ineliġibbiltà ta' talbiet għal pagament skont l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji għas-sena 2014 fid-dawl tan-nuqqas ta' osservanza tad-dritt nazzjonali għal dak li jikkonċerna r-rekwiżit dwar il-legalità tat-titolu ta' sfruttament jew ta' użu tal-art, tistaqsi jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* li jipprekludi lill-qorti nazzjonali milli teżamina l-konformità mad-dritt tal-Unjoni Ewropea ta' rekwiżiti imposti mid-dritt nazzjonali fil-kuntest ta' tilwima ġdida dwar il-legalità tal-kreditu li abbażi tiegħu jiġu rkuprati s-somom imħallsa indebitament lil Avio Lucos.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel Timișoara (il-Qorti tal-Appell ta' Timișoara) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dritt [tal-Unjoni] applikabbli għall-appoġġ finanzjarju għas-sena agrikola 2014, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 73/2009 u r-Regolament Nru 1122/2009 jippreklud i l-istabbiliment, permezz tad-dritt nazzjonali, ta' obbligu li jiġi pprovat id-dritt ta' użu fuq superfiċji agrikola sabiex jinkiseb appoġġ finanzjarju għal skemi ta' ħlas skont id-daqs tas-superfiċji?

2) Sakemm id-dritt [tal-Unjoni] ċċitat iktar 'il fuq ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni nazzjonali msemmija fl-ewwel domanda, id-dritt [tal-Unjoni] (inkluż il-prinċipju ta' proporzjonalità) jipprekludi, fil-każ partikolari fejn id-dritt ta' użu ta' superfiċji agrikola jkun iġġustifikat mill-benefiċjarju permezz tal-preżentazzjoni ta' kuntratt għall-konċessjoni ta' superfiċji għall-mergħa (kuntratt li permezz tiegħu l-applikant kiseb id-dritt ta' użu mis-superfiċji għall-mergħa għar-riskju tiegħu u għall-vantaġġ tiegħu stess, bi ħlas) leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrikjedi, sabiex tali kuntratt ta' konċessjoni jiġi kkunsidrat konkluż skont il-liġi, il-kundizzjoni li l-konċessjonarju futur għandha esklużivament tkun persuna li trabbi jew li hija sid ta' annimali?

3) Taqa' taħt id-definizzjoni ta' attività agrikola fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 73/2009 l-attività ta' benefiċjarju ta' skema ta' ħlas skont id-daqs tas-superfiċji li jkun ikkonkluda kuntratt għall-konċessjoni ta' superfiċji għall-mergħa sabiex jikseb id-dritt ta' użu ta' dik is-superfiċji u sabiex jikseb id-dritt għall-ħlas fis-sena agrikola 2014 u li sussegwentement jikkonkludi kuntratt ta' kollaborazzjoni ma' persuna li trabbi l-annimali, kuntratt li permezz tiegħu huwa permess l-użu bla ħlas tal-art mogħtija permezz ta'

konċessjoni bl-iskop li jirgħu annimali, bil-benefiċjarju jżomm id-dritt li jagħmel użu mill-art, iżda jobbliga ruħu li ma jxekkilx l-attività tar-ragħa [rigħi] u li jnaddaf is-superfiċji għall-mergħa?

4) Id-dritt [tal-Unjoni] jipprekludi interpretazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 431(2) tal-[Kodiċi ta' Proċedura Ċivili] li tikkonċerna l-awtorità ta' *res judicata* ta' sentenza li saret definittiva u li ssib li talba għal ħlas ma hijiex eliġibbli minħabba nuqqas ta' konformità mad-dritt nazzjonali dwar ir-rekwiżit tal-legalità tat-titolu tal-użu/sfruttament tal-art li għaliha kienet mitluba skema ta' ħlas skont id-daqs tas-superfiċji fis-sena agrikola 2014 (f'tilwima li titlob l-annullament tad-deċiżjoni li tapplika sanzjonijiet pluriannwali), liema interpretazzjoni xxekkel analiżi tal-konformità ta' dan ir-rekwiżit nazzjonali mad-dritt [tal-Unjoni] applikabbli għas-sena agrikola 2014 fil-kuntest ta' tilwima ġdida li teżamina l-legalità tal-att ta' rkupru ta' somom imħallsa indebitament lill-applikant għall-istess sena agrikola 2014, liema att ikun ibbażat fuq l-istess fatti u fuq l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali li kienu s-suġġett tal-analiżi tas-sentenza preċedenti li saret definittiva?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ammissibbiltà*

35 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Rumen isostni li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli fl-intier tagħha, peress li l-qorti tar-rinviju għandha informazzjoni li tippermettilha taqta' l-kawża li għandha quddiemha. B'mod partikolari, skont dan il-gvern, il-qorti tar-rinviju kellha tanalizza bi prijorità r-regoli dwar il-"verità tar-*res judicata*", imsemmija fl-Artikolu 431(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u tiċħad ir-rikors ta' Avio Lucos. F'dan ir-rigward, dan il-gvern iżid li, sa fejn din id-dispożizzjoni hija applikabbli għall-kawża prinċipali, l-ewwel tliet domandi ma għandhomx skop.

36 Min-naħa tagħha, Avio Lucos issostni li l-ewwel u t-tieni domanda ma humiex rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali, peress li dawn ma jirrigwardawx l-eliġibbiltà tal-applikant għall-benefiċċju tal-pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji, iżda l-kwistjoni tal-validità tal-kuntratt ta' konċessjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

37 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tagħti d-deċiżjoni, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, sakemm id-domandi magħmula jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tagħti deċiżjoni (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, The Department for Communities in Northern Ireland, C-709/20, EU:C:2021:602, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Minn dan isegwi li d-domandi dwar id-dritt tal-Unjoni jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss jekk ikun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex punti ta'

fatti u ta' liġi neċessarji sabiex tagħti risposta b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, The Department for Communities in Northern Ireland, C-709/20, EU:C:2021:602, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 F'dan il-każ, minn naħa, il-kunsiderazzjoni li l-Artikolu 431(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għandu jwassal lill-qorti tar-rinviju sabiex tiċħad ir-rikors pendenti quddiemha ma tippermettix li jiġi stabbilit li l-interpretazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba minn din il-qorti hija manifestament nieqsa minn kull relazzjoni mal-kawża prinċipali. Fil-fatt, fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 267 TFUE, il-funzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u dawk tal-qorti tar-rinviju huma distinti b'mod ċar u hija esklużivament din tal-aħħar li għandha tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali (sentenza tal-15 ta' Jannar 2013, Križan *et*, C-416/10, EU:C:2013:8, punt 58 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

40 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-assenza ta' rilevanza allegata tal-ewwel u tat-tieni domanda, għandu jitfakkar li l-Artikolu 267 TFUE dejjem jippermetti lil qorti nazzjonali, jekk hija tqis xieraq, li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-15 ta' Jannar 2013, Križan *et*, C-416/10, EU:C:2013:8, punt 56 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Issa, kif jirriżulta mill-punt 33 ta' din is-sentenza, din il-qorti tqis li l-kwistjoni dwar jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi li jiġi ppruvat id-dritt ta' użu jew ta' sfruttament ta' superfiċji ta' art jew ukoll li wieħed ikollu l-kwalità ta' persuna li trabbi l-annimali jew ta' proprjetarju ta' annimali sabiex tkun tista' tintalab konċessjoni fuq mergħat u jinkiseb, jekk ikun il-każ, appoġġ finanzjarju taħt l-iskema ta' pagament skont id-daqs tas-superfiċji hija neċessarja sabiex tinqata' l-kawża li tressqet quddiemha.

41 Minn dan jirriżulta li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma ammissibbli.

### *Fuq l-ewwel domanda*

42 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolamenti Nri 73/2009 u 1122/2009 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-kisba ta' għajnuna taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji għall-obbligu tal-applikant li jipprova li huwa għandu "dritt ta' użu" tas-superfiċji agrikola li hija s-suġġett ta' din it-talba.

43 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament Nru 73/2009, l-għajnuna taħt l-iskema ta' pagament uniku għandha tingħata lill-bdiewa wara l-attivazzjoni ta' dritt għal pagament għal kull ettaru eliġibbli.

44 Skont l-Artikolu 35(1) ta' dan ir-regolament, huwa l-bidwi li għandu jiddikjara l-biċċiet tar-raba' li jikkorrispondu mas-superfiċji eliġibbli marbuta ma' dritt għal pagament u, ħlief fil-każ ta' forza maġġuri jew ċirkustanzi eċċezzjonali, dawn il-biċċiet tar-raba' għandhom ikunu "disponibbli" għall-bidwi f'data stabbilita mill-Istat Membru kkonċernat. Bl-istess mod, skont l-Artikolu 124(2) tal-imsemmi regolament, għall-finijiet tal-għoti ta' pagamenti taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji, huma ammissibbli l-biċċiet kollha tar-raba' li jissodisfaw il-kriterji previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, li, ħlief fil-każ ta' forza maġġuri jew ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, għandhom ikunu "disponibbli" għall-bidwi fid-data stabbilita minn dan l-Istat Membru.

45 Peress li r-Regolament Nru 73/2009 ma jispeċifikax fuq liema bażi s-superfiċji kkonċernati għandhom ikunu "disponibbli" għall-bidwi, hemm lok, għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha skont it-tifsira normali tagħhom fil-lingwaġġ ta' kuljum, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et*, C-375/08, EU:C:2010:365, punt 58, u tad-29 ta' Lulju 2019, Pelham *et*, C-476/17, EU:C:2019:624, punt 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

46 Fl-ewwel lok, għal dak li jirrigwarda l-formulazzjoni tal-Artikolu 35(1) ta' dan ir-regolament, hemm lok li jiġi osservat li, fil-lingwaġġ ta' kuljum, il-fatt li s-superfiċji tkun għad-dispożizzjoni tal-bidwi jimplika, bħala prinċipju, li dan ikun f'pożizzjoni li jużaha għall-konvenjenza tiegħu sabiex ikun jista', fil-fatt, jeżerċita attività agrikola hemmhekk.

47 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kuntest li fih tinsab din id-dispożizzjoni, mill-punt 43 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-għajnuna taħt l-iskema ta' pagament uniku tingħata lill-bdiewa wara l-attivazzjoni ta' dritt għal pagament għal kull "ettaru eliġibbli", peress li tali kunċett jindika, skont l-Artikolu 34(2) tar-Regolament Nru 73/2009, kull superfiċji agrikola tal-azjenda agrikola użata għall-finijiet ta' attività agrikola.

48 Issa, dawn it-termini stess huma ddefiniti minn dan ir-regolament. Għaldaqstant, l-Artikolu 2(b), (c) u (h) tal-imsemmi regolament jiddefinixxi l-kunċett ta' "impriża [azjenda agrikola]" bħala li hija "l-unitajiet kollha ta' produzzjoni mmexxija minn bidwi li jinstabu fit-territorju tal-istess Stat Membru", dak tal-"attività agrikola" bħala li huwa "l-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli [...] jew iż-żamma tal-art f'kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba", u fl-aħħar nett, dak tal-"erja agrikola" bħala "l-erja totali kollha użata bħala art għall-kultivazzjoni, mergħa permanenti jew uċuħ permanenti".

49 F'dan ir-rigward, fir-rigward tar-rekwiżit, imsemmi fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament Nru 73/2009, li jgħid li unità ta' produzzjoni għandha tiġi "mmexxija" minn bidwi, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-kunċett ta' "ġestjoni" ma jimplikax l-eżistenza favur il-bidwi ta' setgħa illimitata fuq is-superfiċi kkonċernata fil-kuntest tal-użu tagħha għal finijiet agrikoli. Min-naħa l-oħra, il-bidwi għandu jkollu, fir-rigward ta' din is-superfiċji, awtonomija suffiċjenti għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività agrikola tiegħu, liema fatt li għandu jiġi evalwat mill-qorti tar-rinviju, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2010, Landkreis Bad Dürkheim, C-61/09, EU:C:2010:606, punti 61 u 62, kif ukoll tat-2 ta' Lulju 2015, Demmer, C-684/13, EU:C:2015:439, punt 58).

50 Għalhekk, il-bidwi għandu jkun f'pożizzjoni li jeżerċita ċerta setgħa deċiżjonali fil-kuntest tal-użu tas-superfiċji kkonċernata (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Landkreis Bad Dürkheim, C-61/09, EU:C:2010:606, punti 63) għall-finijiet tal-eżerċizzju minnu, fuq din is-superfiċji, tal-attività agrikola tiegħu.

51 Fit-tielet lok, għal dak li jirrigwarda l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, il-premessa 23 tar-Regolament Nru 73/2009 tipprovdi li dan għandu l-għan li jevita li għajnuna diretta tingħata lil benefiċjarji li l-attivitajiet agrikoli tagħhom jikkostitwixxu biss parti negliġibbli mill-attivitajiet ekonomiċi kollha tagħhom jew li l-għan kummerċjali tagħhom ma huwiex jew ftit li xejn huwa marbut mal-eżerċizzju ta' attività agrikola. Barra minn hekk, mill-Artikolu 39(1)(b) TFUE, li huwa mfakkar essenzjalment fil-premessa 25 ta' dan

ir-regolament, jirriżulta li l-iskemi ta' appoġġ li jaqgħu taħt il-PAK jipprovdu għajnuna diretta għad-dħul, li għandha l-għan li tiżgura livell ta' għajxien ġust għall-popolazzjoni agrikola, b'mod partikolari permezz taż-żieda tad-dħul individwali ta' dawk li jaħdmu fl-agrikoltura.

52 Għalhekk, għandu jitqies, bħalma għamel l-Avukat Ġenerali fil-punt 50 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-għajnuna taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji għandha l-għan li tiżgura livell ta' għajxien ġust għall-bdiewa li jeżerċitaw realment attività agrikola, u li, għaldaqstant, għandhom fil-fatt superfiċji agrikola li fuqha hija eżerċitata din l-attività.

53 Fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 35(1) tar-Regolament Nru 73/2009, tal-kuntest li fih tidħol din id-dispożizzjoni u tal-għan tal-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti, hemm lok li jitqies li, sabiex jiġi ddeterminat jekk biċċa raba' hijiex "disponibbli" għal bidwi, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, dan ir-regolament ma jeżiġix li dan il-bidwi jipproduċi titolu legali formali li jistabbilixxi d-"dritt għall-użu" tas-superfiċji inkwistjoni, peress li l-prova tan-natura effettiva tal-użu ta' din is-superfiċji kif ukoll ta' awtonomija suffiċjenti tal-imsemmi bidwi għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-attività agrikola tiegħu fuq l-imsemmija superfiċji huma biżżejjed għal dan il-għan.

54 Tali interpretazzjoni hija kkorroborata, minn naħa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kunċett ta' "superfiċji agrikola tal-azjenda agrikola", imsemmi fl-Artikolu 44(2) u (3) tar-Regolament Nru 1782/2003. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-fatt li, peress li dawn id-dispożizzjonijiet ma jippreċiżawx in-natura tar-relazzjoni ġuridika li abbażi tagħha l-bidwi juża s-superfiċji kkonċernata, ma jistax jiġi dedott mill-imsemmija dispożizzjonijiet li l-biċċiet tar-raba' inkwistjoni għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-bidwi skont kuntratt ta' kiri jew ta' tranżazzjoni ekwivalenti (sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Landkreis Bad Dürkheim, C-61/09, EU:C:2010:606, punt 54).

55 Min-naħa l-oħra, din hija sostnuta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kunċett ta' "superfiċji tal-azjenda agrikola disponibbli", li jinsab fl-Artikolu 12(2)(b) tar-Regolament Nru 1254/1999, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-dispożizzjoni ma tikkundizzjonax l-eliġibbiltà ta' talba għal għajnuna għall-preżentazzjoni ta' titolu legali validu li jiġġustifika d-dritt tal-applikant li juża s-superfiċji intiżi għall-għalf li huma s-suġġett ta' din it-talba. Min-naħa l-oħra, huwa l-użu effettiv tas-superfiċji intiża għall-għalf li jikkostitwixxi waħda mill-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-għoti tal-primjums ikkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et*, C-375/08, EU:C:2010:365, punti 62 u 70).

56 Madankollu, anki jekk l-obbligu li jiġi pprovat id-"dritt ta' użu" ta' superfiċi agrikola ma huwiex impost mid-dritt tal-Unjoni, għandu jiġi eżaminat ukoll jekk dan jipprekludix lill-Istati Membri milli jipprevedu tali obbligu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

57 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li mill-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 73/2009 jirriżulta li kull sena l-bidwi għandu jressaq talba għall-pagamenti diretti, li tindika, jekk ikun il-każ, il-biċċiet kollha tar-raba' tal-ażjenda agrikola, id-drittijiet għall-pagament iddikjarati għall-finijiet tal-attivazzjoni tagħhom kif ukoll kull informazzjoni oħra prevista minn dan ir-regolament jew mill-Istat Membru kkonċernat.

58 Barra minn hekk, l-Artikolu 12(1)(d) tar-Regolament Nru 1122/2009, li jistabbilixxi l-modalitajiet ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 73/2009, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll fil-kuntest tal-iskemi ta' appoġġ dirett favur il-bdiewa previsti minn dan l-aħħar regolament,

jipprovdi li t-talba unika għandha tinkludi l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-eliġibbiltà għall-għajnuna, b'mod partikolari l-elementi li jippermettu l-identifikazzjoni tal-biċċiet kollha tar-raba' tal-azjenda agrikola, is-superfiċji tagħhom, il-post fejn jinsabu u, jekk ikun il-każ, l-użu tagħhom.

59 Ir-Regolament Nru 1122/2009 jippreċiża wkoll, fil-premessa 8 tiegħu, li, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tal-iskema ta' pagament uniku prevista fit-Titolu III tar-Regolament Nru 73/2009, huwa importanti li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni li tiggarantixxi t-traċċabbiltà tad-drittijiet għall-pagament. Kif jirriżulta essenzjalment mill-premessa 28 tar-Regolament Nru 1122/2009, il-produzzjoni fit-termini ta' "kwalunkwe dokumenti, kuntratti u dikjarazzjonijiet ta' appoġġ" għandha tippermetti lill-amministrazzjonijiet nazzjonali li jipprogrammaw u, sussegwentement, li jwettqu kontrolli effikaċi dwar l-eżattezza tat-talbiet għal għajnuna.

60 Issa, għal dak li jirrigwarda tali dokumenti ta' sostenn, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tiddeċiedi, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskemi ta' għajnuna u l-modalitajiet ta' applikazzjoni tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll fil-kuntest tal-iskemi ta' appoġġ dirett favur il-bdiewa qabel l-adozzjoni tar-Regolament Nru 1122/2009, li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni għal dak li jirrigwarda d-dokumenti ta' sostenn u l-provi li għandhom jintalbu mingħand applikant għal għajnuna fir-rigward tas-superfiċji li huma s-suġġett tat-talba tiegħu.

61 Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fid-dawl ta' dan il-marġni ta' diskrezzjoni, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu xi preċiżazzjonijiet għal dak li jikkonċerna l-provi prodotti insostenn ta' talba għal għajnuna billi jirreferu, b'mod partikolari, għall-prattiki abitwali fuq it-territorju tagħhom fil-qasam tal-agrikoltura dwar it-tgawdija u l-użu tas-superfiċji intiżi għall-għalf kif ukoll dwar it-titoli li għandhom jipproduċu fir-rigward ta' dan l-użu (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et*, C-375/08, EU:C:2010:365, punt 82).

62 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-Istati Membri jgawdu minn marġni ta' diskrezzjoni fl-għażla tal-miżuri nazzjonali li huma jqisu neċessarji sabiex jipprevjenu u jissanzjonaw b'mod effikaċi l-irregolaritajiet u l-frodi (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et*, C-375/08, EU:C:2010:365, punt 76).

63 Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu żiedet li l-eżerċizzju mill-Istati Membri tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom fir-rigward tal-provi li għandhom jiġu prodotti insostenn ta' talba għal għajnuna huwa suġġett għal ċerti limiti, b'mod partikolari fir-rigward tal-possibbiltà li l-applikant jiġi obbligat jippreżenta titolu legali validu li jiġġustifika d-dritt tiegħu li juża s-superfiċji li huma s-suġġett tat-talba tiegħu. F'dan il-kuntest, il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta dan il-marġni ta' diskrezzjoni għandha tosserva l-għanijiet imfittxija mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna finanzjarja diretta favur il-bdiewa u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' proporzjonalità, li jeżiġi li l-mezzi implimentati minn dispożizzjoni għandhom ikunu adatti sabiex jintlaħaq l-għan intiż u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan l-għan jintlaħaq (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et*, C-375/08, EU:C:2010:365, punti 86 u 87, kif ukoll tas-17 ta' Diċembru 2020, Land Berlin (Drittijiet għall-pagament marbuta mal-PAK), C-216/19, EU:C:2020:1046, punt 35).

64 Għalkemm hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, f'kull każ inkwistjoni, jekk dan il-prinċipju ġiex osservat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et*, C-375/08, EU:C:2010:365, punt 89), konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, din

għandha ġurisdizzjoni sabiex tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni li jistgħu jippermettulha tevalwa tali konformità sabiex il-kawża li biha hija adita tkun tista' tiġi deċiża (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2020, Subdelegación del Gobierno en Guadalajara, C-448/19, EU:C:2020:467, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

65 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-istabbiliment ta' obbligu, bħal dak imsemmi fl-Artikolu 7(1)(f) tal-OUG Nru 125/2006, li jiġu ppreżentati dokumenti li jipprovaw l-użu legali tal-art li hija s-suġġett tat-talba għal pagament, jidher xieraq sabiex jiggarantixxi li l-għanijiet tal-PAK, imsemmija fil-punti 51 u 52 ta' din is-sentenza, ikunu verament imfittxija. Fil-fatt, tali obbligu huwa intiż b'mod partikolari sabiex jipprekludi li applikant għal appoġġ taħt l-iskema ta' pagament uniku jkun jista' japprofitta b'mod abbużiv mill-artijiet ta' ħaddieħor bil-għan li tiġi evitata l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar din is-sistema (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2010, Pontini *et*, C-375/08, EU:C:2010:365, punt 88).

66 Fit-tieni lok, għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk din il-leġiżlazzjoni nazzjonali tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan, għandu jitfakkar li l-eżami tal-proporzjonalità għandu jsir billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-għanijiet tal-PAK, liema fatt jeżiġi bbilanċjar bejn dawn l-għanijiet u dak imfittex mill-imsemmija leġiżlazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Diċembru 2015, Scotch Whisky Association *et*, C-333/14, EU:C:2015:845, punti 28 u 40).

67 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Ministru għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali Nru 246/2008, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, jippreċiża li "[i]d-dokumenti li jagħtu prova tal-użu legali tal-mergħat permanenti komunali, skont l-Artikolu 7(1)(f) tal-[OUG Nru 125/2006] huma l-atti li jattestaw id-dritt ta' proprjetà, il-kuntratti ta' konċessjoni jew ta' kiri konklużi bejn il-kunsilli lokali u min irabbi l-annimali, li minnhom tirriżulta l-art użata u l-attestazzjoni mogħtija mill-muniċipju skont id-data li tinsab fir-reġistru tal-biedja" u, għalhekk, jidher li jirrigwarda biss l-istabbiliment tal-prova tal-użu legali tal-mergħat permanenti komunali, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina. Issa, fir-rigward tal-mergħat li jaqgħu kemm fl-isfera pubblika kif ukoll fl-isfera privata tal-entitajiet amministrattivi territorjali, f'dan il-każ il-muniċipalitajiet, jista' jitqies li att formali li jattesta d-dritt ta' użu huwa bħala prinċipju stabbilit bejn il-partijiet, b'tali mod li l-obbligu li jiġi prodott tali att ma jidhirx, f'każ partikolari bħal dan, sproporzjonat.

68 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li r-Regolamenti Nri 73/2009 u 1122/2009 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-kisba ta' għajnuna taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji għall-obbligu tal-applikant li jipprova li huwa għandu "dritt ta' użu" tas-superfiċji agrikola li hija s-suġġett ta' din it-talba, sakemm jiġu osservati l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni kkonċernata tal-Unjoni u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju tal-proporzjonalità.

### *Fuq it-tieni domanda*

69 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolamenti Nri 73/2009 u 1122/2009 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu, fil-każ partikolari li fih id-dritt li tiġi użata superfiċi agrikola jkun ġie ġġustifikat mill-benefiċjarju ta' għajnuna taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji permezz tal-preżentazzjoni ta' kuntratt

ta' konċessjoni ta' mergħa li taqa' fl-isfera pubblika ta' entità amministrattiva territorjali, leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-validità ta' tali kuntratt għall-kwalità tal-konċessjonarju futur bħala persuna li trabbi l-annimali jew bħala proprjetarju ta' annimali.

70 Qabelxejn, għandu jiġi osservat li mill-indikazzjonijiet li jinsabu fit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-obbligu, għall-konċessjonarju ta' mergħa, li jkollu l-kwalità ta' persuna li trabbi l-annimali jew ta' proprjetarju ta' annimali ma jikkostitwixxix, bħala tali, kundizzjoni ta' eliġibbiltà għal appoġġ finanzjarju taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, jidher li l-applikanti għandhom, skont l-Artikolu 7(1) tal-OUG Nru 125/2006, jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-bdiewa amministrat mill-APIA, jippreżentaw it-talba tagħhom għal pagament fit-termini u josservaw il-kundizzjonijiet ġenerali previsti minn din id-dispożizzjoni, li ma jinkludux tali obbligu.

71 Madankollu, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dan l-obbligu jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Anness I tar-Regolament tal-Ministru għall-Agrikoltura, għall-Ikel u għall-Foresti u tal-Ministru għall-Amministrazzjoni Pubblika Nru 226/235/2003, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali.

72 Peress li dan l-istess obbligu ma jirriżultax mid-dritt tal-Unjoni u jaqa' taħt il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri, hija l-qorti tar-rinviju, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 61, 63 u 64 ta' din is-sentenza, li għandha tiddetermina jekk tali rekwiżit josservax l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni kkonċernata tal-Unjoni u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' proporzjonalità.

73 F'dan ir-rigward, il-Gvern Rumen indika, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, essenzjalment, li l-leġiżlatur Rumen, fir-rigward tas-sitwazzjoni speċifika tal-agrikoltura fir-Rumanija, ikkonfrontat b'fenomeni bħall-abbandun tal-artijiet, it-tixjiħ tal-popolazzjoni agrikola, in-numru żgħir ta' bdiewa żgħażagħ u n-numru kbir ta' azjendi ta' daqs żgħir, li perċentwali għoli minnhom huwa kkostitwit minn azjendi agrikoli ta' semisussistenza, għamel l-għażla li jissuġġetta l-konklużjoni ta' kuntratti ta' konċessjoni dwar il-mergħat li jaqgħu fl-isfera pubblika ta' entitajiet amministrattivi territorjali għall-kwalità tal-konċessjonarji bħala pussessur jew proprjetarju ta' annimali. Issa, tali għażla, li tikkostitwixxi kundizzjoni mhux ta' eliġibbiltà għall-iskema ta' pagament skont id-daqs tas-superfiċji, iżda ta' validità ta' tali kuntratti ta' konċessjoni, taqa' taħt il-marġni ta' diskrezzjoni ta' dan il-leġiżlatur.

74 Bl-impożizzjoni ta' din il-kundizzjoni, il-leġiżlatur Rumen b'hekk fittex li jiżgura livell ta' għajxien ġust għall-popolazzjoni agrikola billi jiffaċilita l-aċċess dirett tal-ikbar numru ta' proprjetarji jew ta' pussessuri ta' annimali għall-mergħat li jappartjenu lill-entitajiet amministrattivi territorjali, filwaqt li evita li jibbenefikaw minn dan operaturi li jeżerċitaw attivitajiet agrikoli permezz ta' intermedjazzjoni. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, l-APIA żiedet, fit-tweġiba tagħha għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja li għalihom kellhom jingħataw tweġiba bil-miktub, li, għall-parti l-kbira tal-persuni li jrabbu l-annimali, l-uniku sors ta' għalf tal-annimali huwa kkostitwit mill-veġetazzjoni miksuba fuq il-mergħat, b'tali mod li huwa importanti li l-persuni li jrabbu l-annimali jkunu jistgħu jieħdu b'konċessjoni l-mergħat tal-lokalitajiet fejn jgħixu u jrabbu l-annimali tagħhom.

75 Issa, kif osserva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 68 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali għan josserva l-għanijiet imfittxija mid-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 52 ta' din is-sentenza, l-għajnuna taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji għandha l-għan li tiżgura livell ta' għajxien ġust għall-bdiewa li realment jeżerċitaw attività agrikola, u, għaldaqstant, għandhom fil-fatt superfiċji agrikola li fuqha hija eżerċitata din l-attività.

76 Barra minn hekk, bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, l-obbligu li wieħed ikun proprjetarju jew persuna li trabbi l-annimali jidher, kif jirriżulta mill-punt 74 ta' din is-sentenza, li huwa xieraq sabiex jintlaħaq l-għan imfittex mil-leġiżlatur Rumen li jikkonsisti f'li jiġi ffaċilitat l-aċċess dirett għall-mergħat li jappartjenu lill-entitajiet amministrattivi territorjali tal-ikbar numru ta' dawn il-proprjetarji jew persuni li jrabbu l-annimali, f'kuntest fejn, kif ġie osservat f'dan l-istess punt, l-uniku sors ta' għalf tal-annimali tar-razzett huwa kkostitwit minn veġetazzjoni miksuba fuq il-mergħat.

77 Barra minn hekk, peress li dan l-obbligu jirrigwarda biss il-possibbiltà, għal persuna, li tieħu b'konċessjoni mergħa li taqa' fl-isfera pubblika ta' entitajiet amministrattivi territorjali, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni ma tidhirx li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, u dan billi jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti stabbiliti mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 66 ta' din is-sentenza.

78 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda hija li r-Regolamenti Nri 73/2009 u 1122/2009 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux, fil-każ partikolari li fih id-dritt li tiġi użata superfiċi agrikola jkun ġie ġġustifikat mill-benefiċjarju ta' għajnuna taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji permezz tal-preżentazzjoni ta' kuntratt ta' konċessjoni ta' mergħa li taqa' fl-isfera pubblika ta' entità amministrattiva territorjali, leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-validità ta' tali kuntratt għall-kwalità tal-konċessjonarju futur bħala persuna li trabbi l-annimali jew bħala proprjetarju ta' annimali.

*Fuq it-tielet domanda*

79 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 73/2009 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "attività agrikola" jkopri attività li permezz tagħha persuna tieħu b'konċessjoni mergħa u tikkonkludi sussegwentement kuntratt ta' kollaborazzjoni ma' persuni li jrabbu l-annimali, li permezz tiegħu dawn tal-aħħar jirgħu l-annimali fuq l-art mogħtija b'konċessjoni, fejn il-konċessjonarju jżomm id-dritt ta' użu tal-art, iżda jobbliga ruħu li ma jillimitax l-attività tar-rigħi u jkun responsabbli għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-mergħa.

80 Il-kunċett ta' "attività agrikola" huwa ddefinit fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 73/2009 bħala, minn naħa, il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli inklużi l-ħsad, il-produzzjoni tal-ħalib, it-trobbija u ż-żamma ta' annimali għal skopijiet ta' biedja, u, min-naħa l-oħra, iż-żamma tal-art f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, fis-sens tal-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament.

81 Jidher li huwa paċifiku, fil-kawża prinċipali, li l-attività ta' Avio Lucos ma taqax taħt l-ewwel xenarju, relatat mal-produzzjoni, mat-trobbija jew mat-tkabbir ta' prodotti agrikoli. Fil-fatt, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 73 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-annimali mqiegħda

għad-dispożizzjoni ta' Avio Lucos mill-persuni li jrabbu l-annimali skont l-Artikolu 8 tal-kuntratt ta' kollaborazzjoni parteċipattiva inkwistjoni fil-kawża prinċipali dejjem inżammu, trabbew u ntużaw għar-rigħi mill-imsemmija persuni li jrabbu l-annimali.

82 Għal dak li jirrigwarda t-tieni xenarju, relatat maż-żamma tal-art f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 73/2009 jipprevedi li l-Istati Membri, minn naħa, għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha tinżamm f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba u, min-naħa l-oħra, jiddefinixxu, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, rekwiżiti minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba abbażi tal-qafas stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-regolament, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-"karatteristiċi speċifiċi taż-żoni kkonċernati", fejn dan l-artikolu jżid li dawn l-Istati ma jistgħux jiddefinixxu rekwiżiti minimi li ma humiex previsti f'dan il-qafas.

83 F'dan ir-rigward, il-Gvern Rumen indika, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, li l-leġiżlatur Rumen kien impona r-regola fakultattiva "rati minimi tal-istokk tal-annimali u/jew sistemi adegwati", espressament imsemmija u awtorizzata mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness III. Dan il-leġiżlatur b'hekk ippreveda, fil-kuntest tas-sistema ta' kundizzjonalità, sa mis-sena 2012, "il-manutenzjoni tal-mergħat permanenti permezz taż-żamma ta' livell minimu ta' rigħi ta' 0.3 UB għal kull ettaru u/jew permezz tal-ħsad tal-imsemmija mergħat mill-inqas darba fis-sena".

84 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li, skont il-komunikazzjoni tar-Rumanija dwar l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti minimi għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba għas-sena tat-talba 2014, "il-bdiewa huma obbligati jagħmlu l-isforzi segwenti sabiex jimplimentaw ir-regola dwar ir-rati minimi tal-istokk tal-annimali u/jew tas-sistemi adegwati: jinqata' l-ħaxix tal-inqas darba f'sena u/jew jiġi żgurat livell minimu ta' rigħi (0.3 annimal għal kull ettaru bħala minimu) sabiex l-art (mergħat permanenti) tinżamm fi stat tajjeb".

85 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, skont l-Artikolu 7 tal-kuntratt ta' kollaborazzjoni parteċipattiva konkluż bejn Avio Lucos u l-persuni li jrabbu l-annimali, din l-impriża għandha "tagħmel, bi spejjeż tagħha, ix-xogħlijiet ta' tindif tal-mergħa, it-tneħħija tal-ħaxix ħażin tossiku kif ukoll it-tneħħija ta' ilma żejjed mill-art, filwaqt li tieħu ħsieb li l-kundizzjonijiet ikunu l-aħjar possibbli sabiex terġa' tikber il-mergħa". Issa, bla ħsara għall-verifiki li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, jidher li tali attività taqa' taħt waħda mill-attivitajiet alternattivi msemmija fil-komunikazzjoni msemmija fil-punt preċedenti u, għaldaqstant, taqa' taħt il-kunċett ta' "attività agrikola", fis-sens tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 73/2009.

86 Tali interpretazzjoni hija, barra minn hekk, konformi mal-għanijiet ta' dan ir-regolament, kif jirriżultaw b'mod partikolari mill-premessi 4 u 7 tiegħu, li jirrigwardaw iż-żamma tal-mergħat f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba, fejn huwa rikonoxxut l-effett pożittiv li l-mergħat permanenti għandhom fuq l-ambjent.

87 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda hija li l-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 73/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "attività agrikola" jkopri attività li permezz tagħha persuna tieħu b'konċessjoni mergħa u tikkonkludi sussegwentement kuntratt ta' kollaborazzjoni ma' persuni li jrabbu l-annimali, li permezz tiegħu dawn tal-aħħar jirgħu l-annimali fuq l-art mogħtija b'konċessjoni, fejn il-konċessjonarju jżomm id-dritt ta' użu tal-art, iżda jobbliga ruħu li ma jillimitax l-attività

tar-rigħi u jkun responsabbli għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-mergħa, sakemm dawn ix-xogħlijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti mir-regola fakultattiva msemmija fl-Anness III ta' dan ir-regolament.

### *Fuq ir-raba' domanda*

88 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni, fl-ordinament ġuridiku ta' Stat Membru, tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* li, fil-kuntest ta' tilwima bejn l-istess partijiet dwar il-legalità ta' att ta' rkupru ta' somom imħallsa lill-applikant għal għajnuna abbażi ta' skema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji, ixekkel eżami, mill-qorti adita, tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' rekwiżiti nazzjonali relatati mal-legalità tat-titolu ta' użu tas-superfiċji agrikola li kienet is-suġġett tat-talba għal għajnuna, għar-raġuni li dan l-att ta' rkupru huwa bbażat fuq l-istess fatti u fuq l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dawk li ġew analizzati f'deċiżjoni ġudizzjarja preċedenti li saret definittiva.

89 Kif tosserva l-qorti tar-rinviju, din id-domanda tqajmet mill-fatt li l-APIA invokat l-awtorità ta' *res judicata* marbuta ma' żewġ sentenzi definittivi li permezz tagħhom ġew miċħuda r-rikorsi ta' Avio Lucos li kellhom bħala suġġett, minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni li timponi sanzjonijiet pluriannwali fuq din il-kumpannija għas-sena 2014, li tissemma fil-punt 30 ta' din is-sentenza u, min-naħa l-oħra, talba għall-annullament ta' rapport ta' konstatazzjoni ta' irregolaritajiet, fir-rigward ta' din l-istess sena. Issa, dawn iż-żewġ atti huma bbażati fuq id-deċiżjoni tal-APIA li tgħid li Avio Lucos kellha tiġi eskluża mill-pagament taħt l-iskema ta' għajnuna skont id-daqs tas-superfiċji għar-raġuni li, peress li ma kellhiex il-kwalità ta' persuna li trabbi l-annimali, hija baqgħet ma pproduċietx il-prova li hija kienet tuża legalment il-mergħa komunali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

90 Il-qorti tar-rinviju tosserva, f'dan ir-rigward, li, fid-dawl tad-duttrina nazzjonali dwar l-Artikolu 431(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-eċċezzjoni bbażata fuq l-awtorità ta' *res judicata* marbuta ma' deċiżjoni definittiva tista' tiġi validament imqajma fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja biss jekk ir-relazzjoni ġuridika invokata f'din l-okkażjoni ma tkunx biss identika għal dik li ġiet eżaminata preċedentement fil-kuntest tal-proċedura li tat lok għal din id-deċiżjoni definittiva, iżda wkoll jekk tkun inkluża espliċitament jew impliċitament f'din il-proċedura preċedenti. Għaldaqstant, l-awtorità ta' *res judicata* topera wkoll f'każijiet fejn ir-rikors il-ġdid iqiegħed lill-qorti f'sitwazzjoni li jkollha tirrepeti jew tikkontradixxi totalment jew parzjalment ir-relazzjoni ġuridika li tkun ġiet milqugħa jew li tkun ġiet miċħuda fis-sentenza preċedenti. Issa, f'dan il-każ, is-sentenzi msemmija fil-punt preċedenti ddeċidew tilwimiet bejn l-istess partijiet, jiġifieri, l-APIA u Avio Lucos, u kienu jirrigwardaw l-istess fatti, jiġifieri t-talba għal pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji għas-sena 2014.

91 Preliminarjament, hemm lok li jiġi osservat li, kif jirriżulta mir-risposta mogħtija għall-ewwel u għat-tieni domanda, sakemm jiġu osservati l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni kkonċernata tal-Unjoni u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' proporzjonalità, id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludi la l-istabbiliment, permezz tad-dritt nazzjonali, bil-għan tal-ksib ta' appoġġ dirett taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji, ta' obbligu li tiġi prodotta prova ta' "dritt ta' użu" ta' superfiċji agrikola, u lanqas, fil-każ partikolari li fih id-dritt ta' użu ta' superfiċji agrikola jkun ġie ġġustifikat mill-benefiċjarju permezz tal-preżentazzjoni ta' kuntratt ta' konċessjoni ta' mergħa li tappartjeni lil entità

amministrattiva territorjali, leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi, sabiex jiġi konkluż b'mod validu tali kuntratt ta' konċessjoni, il-kundizzjoni li tgħid li l-konċessjonarju futur jista' jkun biss persuna li tkabbar l-annimali jew proprjetarju ta' annimali.

92 Għandha titfakkar l-importanza li għandu, kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali, il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*. Fil-fatt, sabiex jiġu ggarantiti kemm l-istabbiltà tad-dritt u tar-relazzjonijiet ġuridiċi kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa essenzjali li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu saru definittivi wara li jkunu ntużaw ir-rimedji ġudizzjarji kollha disponibbli jew wara li jkun skada t-terminu previst għal dawn ir-rimedji ma jkunux jistgħu jiġu kkontestati iktar (ara s-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2009, Fallimento Olimpiclub, C-2/08, EU:C:2009:506, punt 22; tas-17 ta' Ottubru 2018, Klohn, C-167/17, EU:C:2018:833, punt 63, u tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines, C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punt 88 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

93 Għaldaqstant, id-dritt tal-Unjoni ma jimponix fuq il-qorti nazzjonali l-obbligu li ma tapplikax ir-regoli proċedurali interni li jagħtu l-awtorità ta' *res judicata* lil deċiżjoni, anki jekk dan ikun jippermetti li tiġi rrimedjata sitwazzjoni nazzjonali li tkun inkompatibbli ma' dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2009, Fallimento Olimpiclub, C-2/08, EU:C:2009:506, punt 23; tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus, C-421/14, EU:C:2017:60, punt 47, u tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines, C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punt 89 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

94 Id-dritt tal-Unjoni ma jeżiġix għalhekk li, sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni rilevanti ta' dan id-dritt adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja, korp ġudizzjarju nazzjonali għandu, bħala prinċipju, jirriforma d-deċiżjoni tiegħu li jkollha l-awtorità ta' *res judicata* (sentenza tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines, C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punt 90 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

95 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju ma hijiex mitluba tbiddel deċiżjoni li għandha l-awtorità ta' *res judicata*. Min-naħa l-oħra, din il-qorti tosserva li l-kawża prinċipali hija bbażata fuq l-istess relazzjoni ġuridika bħal dik li tat lok għaż-żewġ sentenzi definittivi msemmija fil-punt 89 ta' din is-sentenza, b'tali mod li, skont il-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*, kif interpretat mid-dritt nazzjonali, dawn is-sentenzi ma jistgħux jiġu kkontestati mis-sentenza li għandha tingħata fil-kawża prinċipali.

96 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-qrati nazzjonali għandhom jinterpretaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, sa fejn huwa possibbli, b'mod li l-applikazzjoni tagħhom tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-11 ta' Novembru 2015, Klausner Holz Niedersachsen, C-505/14, EU:C:2015:742, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

97 Barra minn hekk, ir-rekwiżit li tingħata interpretazzjoni konformi jinkludi l-obbligu, għall-qrati nazzjonali, inkluż dawk li jiddeċiedu fl-aħħar istanza, li jbiddlu, jekk ikun il-każ, ġurisprudenza stabbilita jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, qorti nazzjonali ma tistax validament tqis li huwa impossibbli għaliha li tinterpreta dispożizzjoni nazzjonali b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni sempliċement minħabba l-fatt li din id-dispożizzjoni tkun ġiet interpretata minn qrati oħra f'sens li ma huwiex kompatibbli ma' dan id-dritt jew li hija applikata b'tali mod mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2020, Telecom Italia, C-34/19, EU:C:2020:148, punti 60 u 61 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

98 F'dan il-każ, għandu jiġi osservat, bħalma għamel l-Avukat Ġenerali fil-punt 89 tal-konklużjonijiet tiegħu, li s-suġġett tas-sentenzi msemmija fil-punt 89 ta' din is-sentenza, minn naħa, u tas-sentenza li għandha tingħata f'din il-kawża, min-naħa l-oħra, ma jidhirx li huwa identiku, peress li, minkejja li jikkonċernaw l-istess fatti, dawn jirrigwardaw il-legalità ta' deċiżjonijiet amministrattivi differenti.

99 Fi kwalunkwe każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, skont id-dritt intern, l-awtorità ta' *res judicata* marbuta ma' dawn id-deċiżjonijiet tinkludix l-elementi ta' din il-kawża u, jekk ikun il-każ, li teżamina l-konsegwenzi previsti mill-imsemmi dritt (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2020, Telecom Italia, C-34/19, EU:C:2020:148, punt 57).

100 Fil-fatt, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam, il-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri fuq il-bażi tal-prinċipju ta' awtonomija proċedurali ta' dawn tal-aħħar. Madankollu, dawn ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw sitwazzjonijiet simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u lanqas ma għandhom ikunu strutturati b'mod li, fil-prattika, l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni jsir impossibbli jew eċċessivament diffiċli (prinċipju ta' effettività) (sentenzi tal-4 ta' Marzu 2020, Telecom Italia, C-34/19, EU:C:2020:148, punt 58, u tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines, C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punt 91 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

101 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li kull każ fejn titqajjem il-kwistjoni dwar jekk dispożizzjoni proċedurali nazzjonali tirrendix impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi analizzat billi jittieħed inkunsiderazzjoni r-rwol ta' din id-dispożizzjoni fil-proċedura kollha, l-iżvolġiment tagħha u l-karatteristiċi partikolari tagħha, quddiem id-diversi qrati nazzjonali. F'din il-perspettiva, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun neċessarju, il-prinċipji li fuqhom hija bbażata s-sistema ġudizzjarja nazzjonali, bħalma huma l-ħarsien tad-drittijiet tad-difiża, il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-iżvolġiment korrett tal-proċedura (sentenza tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines, C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punt 93 u l-ġurisprudenza ċċitata).

102 Għal dak li jirrigwarda l-kawża prinċipali, interpretazzjoni tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata*, kif tirriżulta mill-punt 90 ta' din is-sentenza, tidher li tipprekludi li tiġi kkontestata mhux biss deċiżjoni ġudizzjarja li jkollha l-awtorità ta' *res judicata*, anki fl-ipoteżi fejn din id-deċiżjoni tkun tinvolvi ksur tad-dritt tal-Unjoni, iżda wkoll, fl-okkażjoni ta' proċedura ġudizzjarja ta' natura ċivili dwar l-istess fatti, kull konstatazzjoni li tirrigwarda l-istess relazzjoni ġuridika bħal dik li tat lok għaż-żewġ sentenzi definittivi.

103 Kif osserva, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 92 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali interpretazzjoni tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* għalhekk ikollha l-konsegwenza li, meta deċiżjoni preċedenti ta' qorti li tkun saret definittiva tkun ibbażata fuq interpretazzjoni li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, l-applikazzjoni inkorretta ta' dan id-dritt tirrepeti ruħha f'kull deċiżjoni meħuda minn qrati ċivili dwar l-istess relazzjoni ġuridika, mingħajr ma jkun possibbli li tiġi kkoreġuta din l-interpretazzjoni magħmula bi ksur tal-imsemmi dritt (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines, C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata).

104 Issa, tali ostakoli għall-applikazzjoni effettiva tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni ma jistgħux jiġu ġġustifikati b'mod raġonevoli permezz tal-prinċipju ta' ċertezza legali u għandhom għalhekk jitqiesu li jmorru kontra l-prinċipju ta' effettività (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines, C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata).

105 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li r-risposta li għandha tingħata għar-raba' domanda hija li d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni, fl-ordinament ġuridiku ta' Stat Membru, tal-prinċipju ta' awtorità ta' *res judicata* li, fil-kuntest ta' tilwima bejn l-istess partijiet dwar il-legalità ta' att ta' rkupru ta' somom imħallsa lill-applikant għal għajnuna abbażi ta' skema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji, ixekkel eżami, mill-qorti adita, tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' rekwiżiti nazzjonali relatati mal-legalità tat-titolu ta' użu tas-superfiċji agrikola li kienet is-suġġett tat-talba għal għajnuna, għar-raġuni li dan l-att ta' rkupru huwa bbażat fuq l-istess fatti bejn l-istess partijiet u fuq l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dawk li ġew analizzati f'deċiżjoni ġudizzjarja preċedenti li saret definittiva.

**Fuq l-ispejjeż**

106 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1310/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013, u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-kisba ta' għajnuna taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji għall-obbligu tal-applikant li jipprova li huwa għandu "dritt ta' użu" tas-superfiċji agrikola li hija s-suġġett ta' din it-talba, sakemm jiġu osservati l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni kkonċernata tal-Unjoni u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju tal-proporzjonalità.**

2) **Ir-Regolament Nru 73/2009, kif emendat bir-Regolament Nru 1310/2013, u r-Regolament Nru 1122/2009 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux, fil-każ partikolari li fih id-dritt li tiġi użata superfiċi agrikola jkun ġie ġġustifikat mill-benefiċjarju ta' għajnuna taħt l-iskema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji permezz tal-preżentazzjoni ta' kuntratt ta' konċessjoni ta' mergħa li taqa'**

**fl-isfera pubblika ta' entità amministrattiva territorjali, leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-validità ta' tali kuntratt għall-kwalità tal-konċessjonarju futur bħala persuna li trabbi l-annimali jew bħala proprjetarju ta' annimali.**

3) **L-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 73/2009, kif emendat bir-Regolament Nru 1310/2013, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "attività agrikola" jkopri attività li permezz tagħha persuna tieħu b'konċessjoni mergħa u tikkonkludi sussegwentement kuntratt ta' kollaborazzjoni ma' persuni li jrabbu l-annimali, li permezz tiegħu dawn tal-aħħar jirgħu l-annimali fuq l-art mogħtija b'konċessjoni, fejn il-konċessjonarju jżomm id-dritt ta' użu tal-art, iżda jobbliga ruħu li ma jillimitax l-attività tar-rigħi u jkun responsabbli għax-xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-mergħa, sakemm dawn ix-xogħlijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti mir-regola fakultattiva msemmija fl-Anness III ta' dan ir-regolament.**

4) **Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni, fl-ordinament ġuridiku ta' Stat Membru, tal-prinċipju ta' awtorità ta'** ***res judicata*** **li, fil-kuntest ta' tilwima bejn l-istess partijiet dwar il-legalità ta' att ta' rkupru ta' somom imħallsa lill-applikant għal għajnuna abbażi ta' skema ta' pagament uniku skont id-daqs tas-superfiċji, ixekkel eżami, mill-qorti adita, tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni ta' rekwiżiti nazzjonali relatati mal-legalità tat-titolu ta' użu tas-superfiċji agrikola li kienet is-suġġett tat-talba għal għajnuna, għar-raġuni li dan l-att ta' rkupru huwa bbażat fuq l-istess fatti bejn l-istess partijiet u fuq l-istess leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dawk li ġew analizzati f'deċiżjoni ġudizzjarja preċedenti li saret definittiva.**

Firem